MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2015

Numru 215/2014

Il-Pulizija

[Spettur Frank Anthony Tabone]

Vs

Carmela Sultana

Omissis

Illum, 20 ta’ Frar, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Carmela Sultana, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 54433G, flimken ma *omissis* quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Fi zmien li jaqa bejn 26.03.2013 u l-31.03.2013 fi Triq Mannar, Xahra, Ghawdex:-

1. Bi hsieb li jezercitaw dritt li jippretendu li ghanhom fixklu lil Emanuel Cremona fil-pussess ta' hwejgu meta ghalqulu l-entratura tal-ghalqa tieghu li tinsab fi Triq Mannar, Xaghra b'hajt tas-sejjieh u xatba u eskludewh mill-godiment liberu ta' hwejjgu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fid-29 ta' April, 2014, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat *omissis* hat ital-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk illiberatu minnha, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata Carmela Sultana hajta tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkundannatha multa ta' mitejn Ewro (€200).

In oltre, il-Qorti ordnat lill-imputata tnehhi kull haga li ghamlet bi ksur tad-drittijiet tal-kwerelant fiz-zmien xahar millum, f'kaz li tali haga ghadha hemm, u f'kaz lid an ma jsehhx, tkun hatja ta' reat u tehel, meta tinstab hatja, ammenda ta' ghaxar ewro (€10) ghal kull gurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Mejju, 2014, fejn l-appellant talab lil din il-Qorti , tirriforma s-sentenza appellata tad-disgha u ghoxrin (29) ta' April 2014, moghtija mill-Onorabbali Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) Gudikatura Kriminali, billi tirrevokaha fejn u in kwantu dik il-Qorti sabet lilha hatja tal-akkuza, u tiddikjara li ma ssibx htija lanqas fiha u tillibera lilha minnha wkoll.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

I. Illi bid-dovut rispett lejn l-ewwel Qorti l-esponenti ma jaqbilx u ma jistax jaqbel mal-konkluzjonijiet li waslet ghalihom il-Qorti li sabet htija fl-esponenti. Dik il-Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-artikolu 85 tal-Kap. 9 billi mill-elementi kollha tar-reat fl-ewwel lok ma giex pruvat li l-kwerelant kellu effettivament il-pussess tal-art fejn hu stess kien waqqa' l-hajt ta' mat-triq. Kienet il-Qorti ta' gurisdizzjoni civili fil-kawza 28/2004 (dokument KM3) li ddecidiet li 'hadd mill-kontendenti ma kien irnexxielu jipprova soddisfacentement kemm attwalment jippossjedi mill-art annessa mal-fond numru hdax (11), Triq Mannar, Xaghra'. Is-sitwazzjoni ghadha hekk incerta ghall-partijiet sallum billi pendenti l-kawza *actio finium regundorum* la l-kwerelant u lanqas l-akkuzata ma jafu bi precizjoni kemm u sa fejn min din l-art tappartjeni lil wiehed jew lil ohra, u kemm attwalment jippossjedu minnha wiehed jew l-ohra. L-element tal-pussess fil-kwerelant mhuwa xejn car, u meta din il-Qorti tqis ic-cirkostanzi kollha kien pjuttost il-kwerelant li kkommetta *ragion fattasi* meta tajjar il-hajt bil-bieba b'kollox u halla miftuha berah il-bqija tal-proprjeta' cjoe' d-dar li dwarha mhemmx assolutament kontestazzjoni li tappartjeni lill-akkuzata u lil zewgha Luigi Sultana. Bla dubbju dan l-element tal-pussess fil-kwerelant huwa element kostituttiv biex jikkonfigura ruhhu r-reat taht l-artikolu 85 tal-Kap.9, u la darba dan l-element tal-pussess da parti tal-kwerelant huwa ekwivoku u dubbjuz a rigward konfini u estenzjoni tal-art tieghu kif korrettement kienet esprimiet ruhha l-

Qorti Civili fis-sentenza citata fil-kawza 28/2004, l-ewwel Qorti kellha tillibera lill-imputata wkoll bhalma gustament ma sabitx htija f'zewgha u lliberatu mill-istess imputazzjoni. Fl-aghar ipotesi sakemm tigi definita l-estensjoni tal-art li ghandu l-kwerelant u l-estensjoni tal-art li ghandhom il-konjugi Sultana, jista' jigi argumentat li l-art ghandhom it-tgawdija taghha kemm il-kwerelant kif ukoll il-konjugi Sultana, u ghalhekk fil-hazin kien il-kwerelant meta minn jeddu u bl-awtorita' tieghu nnifsu kien hu li hatt il-hajt u halla d-dar proprjeta' tal-konjugi Sultana esposta mit-triq. Bir-ripristinar tal-hajt u tal-bieba ghall-istat antecedenti ma sar l-ebda xkiel lill-kwerelant billi seta' jibqa' jghaddi liberament mill-bieba bhal qabel ma kien hu stess li hatt il-hajt. Tenut kont tac-cirkostanzi kien pjuttost ghalhekk il-kwerelant innifsu li kkommetta r-reat li bih qed jixli lill-esponenti billi kien hu l-ewwel li ma tajjar il-hajt bil-bieba b'kollox qabel m'accerta ruhhu u halla li tigi definita l-kwistjoni dwar l-estensjoni u l-konfini tal-art tieghu. Il-fatt li l-hajt u l-bieba gew ripristinati ghall-istat antecedenti minn ulied l-akkuzata, fl-umili fehma tal-esponenti lanqas ma jissussistu l-bqija tal-elementi tar-reat in kwantu l-akkuza giet diretta fil-konfront taghha, u dan billi l-kwerelant bl-ebda mod ma gie mfixkel milli jibqa' jghaddi mill-bieba bl-istess mod bhalma kien jaghmel qabel ma hu nehha l-hajt. Anke' jekk wara li nbena l-hajt u saret mill-gdid il-bieba l-esponenti saret taf minghand it-tfal taghha li huma kienu ghamlu dawk it-tiswijiet biex irripristinaw il-hajt u l-bieba ghall-istat antecedenti kif kienu qabel ma nehhihom il-kwerelant, il-prosekuzzjoni ma gabitx il-prova li fil-mument li sar dan l-imputata kellha koxjenza li dak li sar sar, u dak li sar kien sar kontra l-ligi, u wara kollox lanqas kellha ghalfejn tissuspetta dan billi kellha kull dritt li thares hwejjigha li l-kwerelant hallielha miftuha u mikxufa minn naha tat-triq. Lanqas ma jista' jinghad li l-akkuzata m'ghandhiex titolu billi gie pruvat li ghandha titolu. Li

> ma rnexxielhomx jippruvaw la l-kwerelant u lanqas l-akkuzata hu li la wiehed u lanqas l-ohra ma jafu bl-ezatt f'hiex tikkonsisti u sa fejn twassal l-art rispettiva taghhom u ghalhekk l-esponenti ssostni li ghal kuntrarju kien il-kwerelant innifsu li ghamel hazin u li kkommetta r-reat, u mhux hi. Dan huwa kaz purament civili u mhux kriminali kif jirrizulta b'mod car minn qari tas-sentenzi esibiti, u l-ewwel Qorti kellha tillibera lill-imputata mill-akkuza li saret fuq ir-rapport li ghamel Emanuel Cremona li proprjament kien hu li kellu jigi akkuzat bir-reat flok ma xela lill-esponenti u lil-zewgha bl-istess xorta ta' reat.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi permezz ta' kuntratt tad-dsatax (19) ta' Mejju tal-elf disa' mija u sittin (1960) in atti Nutar Dottor John Busuttil l-appellanti u zewġha kienu akkwistaw lok ta' djar bin-numru hdax (11) fi Triq Mannar, Xaghra, Ghawdex bil-mandretta mieghu annessa tal-kejl ta' cirka siegh, liema lok ta' djar ġie deskritt li jikkonsisti f'kamra mġarrfa u zewġt ikmamar ohra illi kienu jintuzaw ghall-annimali. Il-mandra msemmija kif soggetta ghad-dritt ta' passaġġ a favur tal-beni ta' Vittorio Azzopardi (l-awtur tal-kwerelant Emanuel Cremona). Permezz ta' kuntratt datat tmintax (18) ta' Dicembru tal-elfejn u tnejn (2002) in atti Nutar Kristen Dimech, il-kwerelant Emanuel Cremona akkwista porzjon art fi Triq Mannar, Xaghra, Ghawdex ta' kejl ta' cirka mitejn u tmenin metri kwadri (280m.k.), konfinanti punent in parti ma' Triq Mannar u in parti ma' beni ta' Luigi Sultana (awtur tal-appellanta Carmela Sultana), tramuntana ma' beni ta' Domenic Xuereb u lvant ma' beni ta' Maria Azzopardi jew l-aventi kawza taghha u nofsinhar ma' beni ta' Michelina Said. Dawn iz-zewġ kuntratti, specjalment dak tal-elf disa' mija u sittin (1960) ma kinux daqshekk cari fid-deliminazzjoni tal-art illi kien qed jiġi trasferit tant illi taw lok ghal dizgwid serju bejn l-appellanti Carmela Sultana u l-kwerelant Emanuel Cremona illi t-tnejn jippretendu titolu fuq din l-art. Din il-kontestazzjoni ilha sejra xi sbatax-il (17)

sena b'diversi kawzi istitwiti bejn il-partijiet sabiex tiġi delineata ezatt il-konfini u l-estensjoni tal-art illi jappartjenu lill-partijiet. Però, dawn il-kawzi jidhru illi huma inkonklussivi tant li b'sentenza tas-sittax (16) ta' Novembru tal-elfejn u ghaxra (2010) (Citaz. 28/2004) b'sens ta' esaspirazzjoni l-Qorti irrimarkat "... kien impossibbli ghal din il-Qorti li tistabbilixxi b'certa precizjoni l-veri konfini tal-porzjonijiet rispettivi ... hadd mill-kontendenti ma irnexxielu jipprova sodisfacentement kemm attwalment jippossjedi mill-art annessa mal-fond illum numru hdax (11), Triq Mannar, ix-Xaghra, u x'inhuma l-konfini taghha." Din is-sentenza ma gietx appellata u ghalhekk ġie krejat stat ta' incertezza bejn il-partijiet illi welled numru ta' kawzi ta' spoll u anki azzjonijiet ohra, inkluz din l-azzjoni, fejn l-appellanti hija akkuzata bi ksur tal-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali u cioé dak ta' *ragion fattasi* meta hajt ta' dan il-lok illi qieghed fuq it-triq reġa' ġie mibni mill-istess appellanta jew fuq ordnijiet taghha wara illi kien tnehha mill-kwerelant biex ikollu access ghal lok tieghu.

B'sentenza tad-disgha u ghoxrin (29) ta' April elfejn u erbatax (2014) (fol 77) il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellanti hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha, ikkundannatha ghal multa ta' mitejn ewro (€200) u ordnatilha twaqqa' parti mill-hajt illi bniet taht penali ta' ghaxar ewro (€10) kuljum fin-nuqqas.

L-appellanti hassitha aggravata minn din is-sentenza u minnha interponiet appell peress illi deherilha li l-Qorti tal-Maġistrati interpretat skorrettament l-artikolu 85 tal-Kap 9 billi ma giex ippruvat li l-kwerelant Cremona kellu l-pussess tal-art fejn hu stess kien waqqa' l-hajt mat-triq u dan ghaliex id-diversi sentenzi iddikjaraw illi hadd mill-partijiet ma rnexxielu jipprova sodisfacentement kemm attwalment jippossjedi mill-art inkwistjoni.

Ikkunsidrat:

Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, r-reat ta' *ragion fattasi* mhuwiex meqjus bhala delitt kontra l-proprjetà izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra (Il-Pulizija versus Georgina Gauci, 7 ta' Jannar 1998). L-elementi tar-reat in dezamina ġew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef William Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija versus Giuseppe Bonavia et" (Appell Kriminali, 14 ta' Ottubru 1944, Volume XXXII, part IV, paġna 768) u dawn jinkludu: (a) att estern li jimpedixxi persuna ohra mid-dritt illi hija tgawdi, u li tkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna; (b) li l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt; (c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak illi suppost jiehu tramite l-process legali; u (d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.

Illi qabel ma l-Qorti tezamina l-intenzjoni tal-appellanti ikun opportun jiġi diskuss jekk il-kwerelant Emanuel Cremona kellux il-pussess tal-hajt inkwistjoni. Il-Qorti taghmel riferenza ghall-pjanta illi hemm esebita mal-kuntratt tal-akkwist tal-kwerelant tat-18 ta' Dicembru 2002 a fol 65 u ghar-ritratti esebiti fl-istess process. Il-hajt inkwistjoni huwa dak illi qieghed fuq Triq Mannar b'tul ta' tlieta punt disgha tnejn metri (3.92 m.). Il-kwerelant qal illi waqqa' parti minn dan il-hajt sabiex ikun jista' jaccedi fil-proprjetà tieghu aktar 'il ġewwa, fejn wara illi ottjena l-permessi kollha necessarji minghand il-MEPA beda jhammel l-art halli jkun jista' jizviluppaha. Kien hawnhekk illi l-appellanti bdiet sensila ta' mandati ta' inibizzjoni u kawzi sabiex twaqqaf lill-kwerelant milli jkompli jhammel l-art u jizviluppaha kif jixtieq, liema kawzi jidhru illi kollha ġew mitlufa mill-appellanti.

B'sentenza moghtija fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ġunju tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti sahansitra irrimarkat (fol 60), "ma jridx jintesa illi fl-azzjoni ta' rivendika l-azzjoni attrici falliet u l-konvenuti ghalhekk baqghu jgawdu l-pussess li kellhom." Din id-dikjarazzjoni abbinata ma' dak li irrizulta fil-process, mix-xhieda tal-istess kwerelant, Dottor Kevin Mompalao u l-Perit Angelique Attard, din il-Qorti hija

sodisfatta illi fil-fatt il-kwerelant kellu l-pussess tal-hajt inkwistjoni u bhala sid kellu d-dritt illi jwaqqghu biex jaccedi ghal ambjenti aktar ʻil ġewwa.

Ikkunsidrat:

Illi kif dejjem ġie ritenut elementi importanti kostituttiv ta′ dan ir-reat ta′ *ragion fattasi* huwa dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta′ dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb illi hu qed jezercita dritt illi jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta′ serq jew danni volontarji fuq proprjetà ta′ haddiehor. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagni fuq il-movent illi kien wassal lill-persuna li ikkommettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f′illi wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haġa illi ghandu t-tgawdija taghha. Ma hemmx problemi ghal dak li jirrigwarda l-element materjali peress illi irrizulta minghajr dubbju illi l-kwerelant Emanuel Cremona ġie priv mid-dritt fuq xi haġa illi ghandu t-tgawdija taghha. Ghalhekk il-Qorti trid tezamina l-intenzjoni tal-appellanti jekk jirrizulta illi kienet hi jew tat ordnijiet sabiex dan il-hajt jerġa′ jittella′ u b′hekk jimblokka l-access ghall-art tal-kwerelant.

Ikkunsidrat:

Quddiem din il-Qorti l-appellanti qalet illi ma kinitx hi li tellghet dan il-hajt. Qalet, "... jekk hawwdu xi haġa, hawwdu t-tfal ...". L-ewwel Qorti ma kinitx impressjonata b′din ix-xhieda u ghamlet riferenza ghall-affidavit ta′ PS 73 Josef Camilleri (fol 13) fejn jidher illi fil-wiehed u tletin (31) ta′ Marzu tal-elfejn u tlettax (2013) l-appellanti Carmela Sultana qalet xi haġa differenti lill-istess surġent, "Kompliet tghid li kienet bniet xi hitan tas-sejjieh li kien kisser l-imsemmi Emanuel Cremona. Carmela Sultana qaltli li kienet ghamlet din il-gate/bieba ghas-safety minhabba li kien hemm spiera u

tista′ tkun ta′ periklu ghat-tfal ...″. Bhall-ewwel Qorti, din il-Qorti thoss illi ghandha toqghod fuq din ix-xhieda illi wara kollox ma gietx ikkontestata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u irrizulta minghajr dubbju li l-appellanti bniet jew ordnat li jinbena l-hajt inkwistjoni bi pregudizzju ghall-kwerelant.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-intenzjoni ukoll irrizulta minghajr dubbju dettat mir-raġuni illi l-appellanti ghamlet dak illi ghamlet bil-hsieb li tezercita dritt illi hasbet illi kellha u dana peress illi bejn il-partijiet hemm diversi kwistjonijiet dwar din l-art bit-tnejn jippretendu drittijiet fuqha. Lill-istess Surġent Josef Camilleri l-appellanti qaltlu illi l-bieba ghamlitha fil-proprjetà taghha. Ovvjament l-appellanti trid tirrealizza illi ma tistax tiehu l-liġi b′idejha u taghmel dak li messha taghmel b′ordni tal-Qorti. Dan ma segwitux u unilateralment iddecidiet illi terġa′ tibni hajt illi kien fil-pussess tal-kwerelant bi pregudizzju tal-istess kwerelant.

Kwindi din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali illi din il-Qorti tiddisturba diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-liġi. Irrizulta illi l-piena inflitta tidhol fil-parametri tal-liġi u ghalhekk mhux il-kaz illi din id-diskrezzjoni tiġi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------